MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR
## MARIA KARLSSON

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2007

Talba Numru. 714/2007

**Mobisle Communications Limited (C24655)**

**vs**

**Anabelle Camilleri Monreale**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet hlas ta' tlett mija, wiehed u tletin liri Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm 331.73), rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta` attrici skond Client Contract Number 1500609/1013399, in rigward ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Awissu, 2006 u Marzu, 2007.

Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficjali tat-2 ta’ Mejju, 2007, dawk tal-mandat ta` sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att u bl-imghax sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghetx ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fis-27 ta’ Novembru, 2007 mill-PL Peter Sammut u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenuta naqset li tkkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------